**7 ta' Settembru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Giuseppa Camenzuli et

*versus*

Grazia Refalo et.

**Bejgħ — Immobbli — Interpretazzjoni — Intenzjoni — Art. 1406, 1413, 1414, 1429, Kodiċi Ċivili.**

*It-trasferiment tal-immobbli jirrikjedi l-att pubbliku "ad substantiam et validitatem" u ma jistax jiġi operat bil-fomm u wisq anqas bis-sempliċi xewqa tal-partijiet.*

*Il-kuntratt tal-vendita huwa regolat mhux biss mir-regoli speċjali tiegħu imma wkoll mill-prinċipji ġenerali tal-konvenzjonijiet.*

*Kull patt oskur jew ambigwu ta' kuntratt ta' bejgħ għandu jiġi interpretat kontra l-bejjiegħ jew tx-xerrej skond ir-regoli dwar l-intepretazzjoni tal-kuntratti in ġenerali.*

*Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak illi kellhom fi ħsiebhom il-partijiet, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni tal-partijiet, għaliex "non mens verba sed verba menti servire debent".*

*Il-kuntratti għandhom jiġu kkunsidrati fil-totalità tagħhom u d-diversi klawsoli għandhom jiġu rikonċiljati ma' xulxin.*

Il-Qorti, bl-att taċ-ċitazzjoni Giuseppa Camenzuli assistita minn żewġha Antonio Camenzuli u l-istess żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom — wara li ippre-

mettew li (a) l-attriċi Giuseppa Camenzuli, istitwita eredi universali tal-mejjet zijuha *Michelangelo* Vella b'testment tat-23 ta' Frar, 1952, fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo (Dok. A), wirtet, fost fondi oħra, terran numru 113, Strada Annunzjata, Hamrun, (b) *illi b'kuntratt tat-18 ta' Frar, 1951 fl-atti tan-*Nutar Francesco Refalo (Dok. B) il-konvenuta Grazia Refalo, xtrat, mingħand l-imsemmi Michelangelo Vella bi prezz ta' disa' mitt lira (£900) dar Strada Annunzjata, Hamrun *indikata* fil-kuntratt bħala li ġġib in-numri 114, 115, 116, u (c) illi l-istess konvenuta qegħda tippretendi li xtrat b'dan il-kuntratt it-terran immarkat numru 113, Strada Annunzjata, Hamrun, u qegħda ddaħħal il-kera tiegħu mingħajr ebda titolu — talbu, li wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u speċifikament dik illi l-imsemmi terran numru 113, Strada Annunzjata, Hamrun, huwa ta' proprjetà tal-attriċi, il-konvenuti jiġu kkundannati (1) li jirrilaxxjaw l-imsemmi terran numru 113, Strada Annunzjata, Hamrun a favur l-attriċi u (2) li jirrifondu lill-attriċi l-kera li jirriżulta li huma rċevew għall-istess terran mingħajr ebda dritt. *Bl-ispejjeż kompriżi dawk* tal-protest legali tal-11 ta' Marzu, 1961 u bl-interessi legali.

Bin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom (fol. 10) il-konvenuti Grazia mart Giorgio Refalo, minnu assistita, u l-istess żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, opponew li d-domandi tal-atturi huma nfondati għaliex kif jidher mill-kuntratt tal-akkwist huma xtraw dar bi tliet bibien, u minn mindu xtrawha bdew idaħħlu l-kera tagħha anke fil-ħajja tal-awtur tal-attriċi.

**Omissis.**

*Il-pretensjonijiet opposti fil-kawża, in succinto, huma* dawn: B'kuntratt pubblikat f'Għawdex fit-18 ta' Frar, 1951 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo (fol. 6) il-konvenuti akkwistaw *b'titolu ta'* kompro-vendita minn għand *Joseph*, magħruf

bħala Michelangelo, Vella (ara ċertifikat tal-mewt tiegħu, li ġrat f'Għawdex fit-30 ta' Ottubru, 1952, fol. 83) bil-prezz ta' Disa' mitt lira (£900) "a dwelling house situated Strada Annunziata, Hamrun, Malta marked numbers one hundred and fourteen, one hundred and fifteen and one hundred and sixteen subject to the rate of perpetual ground rent and subject to annual pertual burden of Masses". L-attriċi bħala eredi universali tal-venditur zijuha skond testment tiegħu fl-atti tal-istess Nutar tat-23 ta' Frar, 1952 (fol. 4), li fuqu ma hemmx kontestazzjoni, tippretendi li dak l-att pubbliku ta' bejgħ jiswa biss għall-fond numru 115. Il-konvenuti min-naħa tagħhom, jippretendu li b'dak l-att huma akkwistaw mhux biss il-fond Nru. 115 imma wkoll it-terran adjaċenti u in parti sottopost Numru 113, li tiegħu fil-fatt, bdew jiġbru l-kera mill-ewwel skadenza wara d-data tal-att fuq imsemmi u baqgħu jiġbruha sakemm bdiet din il-kawża, intervall ta' għaxar snin. Għaldaqstant l-atturi qegħdin jitolbu li jiġi dikjarat li dan il-fond Nru. 113 baqa' u huwa ta' proprjetà tal-attriċi mill-wirt ta' zijuha u li jiġi lilhom rilaxxjat mill-konvenuti flimkien mal-kera minnhom indebitament inkassat.

Il-kawża hija l-konsegwenza tal-ineffiċjenza tal-partijiet u tal-awtur tal-attriċi li m'għamlux l-affarijiet tagħhom b'dik l-eżatezza li hija tant meħtieġa fit-trasferimenti tal-immobili. Huwa għalhekk li l-liġi fl-art. 28 (f) tal-Liġi Nutarili (Kap. 92) tiddisponi illi f'dawn it-trasferimenti għandu jiġi mniżżel in-numru tal-bieb u l-isem tat-triq tal-fond, u li, fil-każ li dan ma jistax isir, jitniżżlu almenu tlieta mill-konfini. F'dan il-każ il-partijiet ma ħasbux li kellhom għalfejn iniżżlu l-konfini għax isem tat-triq u numru kien hemm, billi l-fond jew fondi huma sitwati f'ċentru popolat, imma mid-dehra ma qagħdux attenti sew għan-numri u lanqas biss ftakru li fit-triq in kwistjoni n-numri żewġ kienu, kif għadhom, ma naħħa u n-numri fart mal-oħra. B'konsegwenza ta' dan, il-fatti jippreżentaw ċerti komplikazzjonijiet li jirrendu neċessarja l-aqwa

ċirkospezjoni għax huwa ormai possibbli jekk mhux probabbli li waħda jew l-oħra mill-partijiet mhiex għal kollox in buona fede u m'għandux ikun lilha permess tapprofitta ruħha mill-iżball b'dannu serju tal-oħra.

L-argumenti prinċipali min-naħa u minn l-oħra jinsabu esposti *fiż-żewġ noti ta' osservazzjonijiet a fol. 168 u 177.*

L-ewwel argument tal-attriċi huwa li l-kliem tal-kuntratt huma ċari, li bis-saħħa tagħhom il-konvenuta xtrat *dar waħda* u mhux tnejn, li l-fond Nru. 113 ċertament mhuwiex imsemmi fil-kuntratt, u jekk mhux imsemmi fil-kuntratt u dan minnu nnifsu huwa ċar allura ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ma hemmx għalfejn wieħed jinvestiga x'kienet l-intenzjoni tal-pattijiet. Kieku dan l-argument huwa korrett il-kawża tista' tispiċċa hawnhekk u l-konvenuti jibqgħu esklusi mid-drittijiet minnhom pretisi fuq il-fond Numru 113.

Huwa veru li fil-kuntratt in kwistjoni il-fond Numru 113 ma ssemmiex, anzi l-attriċi, in sostenn tat-teżi tagħha fuq riferita, sejħet prova li l-Qorti ma tistax — *almenu bħala fatt* — ma temminiex, u ċioè li l-fond Nru. 113 għal bidu kien sejjer jissemma u laħaq tniżżel, u mbagħad ir-riferenza għalih tħassret. *Dan jirriżulta mid-depożizzjoni tan-Nutar Arkivist ta'* Għawdex (fol. 72) u mill-oriġinal tal-att prodott lill-Qorti.

Dina l-interpretazzjoni itterali nvokata mill-attriċi għandha tittieħed in konsiderazzjoni flimkien, għax qiesu ħuġa waħda magħha, mar-regola importanti sanċità mill-art. 1413 tal-Kodiċi Ċivili li t-trasferiment tal-immobili jirrikjedi l-att pubbliku "ad substantiam et validitatem" u ma jistax jiġi operat bil-fomm u *wisq inqas* bis-sempliċi xewqa tal-partijiet, lanqas, kif ġie deċiż, jekk il-preter kumpratur ikun attwalment ħa l-pussess tal-fond. Fl-istess ħin irid jiġi wkoll miżmum in menti li għal-immobili, u għal *dik li hija l-obbligazzjoni* tal-

venditur biex jikkonsenja l-ħaġa, it-tradizzjoni ssir ipso jure bil-kuntratt tal-bejgħ (art. 1429), u dan mhux każ fejn ma hemmx att pubbliku ta' bejgħ xejn, imma fejn jeżisti att pubbliku li, bis-saħħa tiegħu, *il-konvenuti, meta wieħed jirriduċi* għas-sempliċità kollha tagħha l-pretensjoni tagħhom, jippretendu li sar it-trasferiment favur tagħhom tal-fond terran Nru. 113 fl-istess ħin ta' dak tal-fond Numru 115 imma li bi żball l-ewwel wieħed ġie indikat bin-Numru 114.

Il-kuntratt tal-vendità, bħal kuntratti l-oħra nominati kontemplati *appositament mill-Kodiċi, huwa regolat mhux bias* mir-regoli speċjali tiegħu li jinsabu fit-Titolu VI tal-Parti II tal-Ktieb II tal-Kodiċi imma wkoll mill-prinċipji ġenerali tal-konvenzjonijiet. Tant hekk li fl-art. 1414 huwa ipprovdut li kull patt oskur jew ambigwu ta' kuntratt ta' bejgħ għandu jiġi interpretat kontra l-bejjiegħ jew ix-xerrej skond ir-regoli dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti in ġenerali. Fost dawn ir-regoli tal-interpretazzjoni dik forsi *l-iżjed* importanti minn kollox, kif turi l-ġurisprudenza u d-duttrina universali, hija dik konsakrata fl-art. 1046, li ġejja mill-eqdem żminijiet, ċioè li meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni tal-partijiet, għax "non mens verba sed verba menti servire debent".

Fiċ-ċitazzjoni tal-każ, u eżaminat il-kuntratt kollu, il-Qorti ma tistax takkolji t-teżi tal-atturi li l-kuntratt huwa tant ċar u irrekwivoku li -konvenuti ma għandhomx jiġu ammessi biex iġibu provi oħra, barra mill-kuntratt stess, ħalli juru li n-Numru 114 mhuwiex ħlief indikazzjoni erronea tal-fond Numru 113, u li b'daqshekk, nonostanti dal-iżball, huma għandhom titolu tajjeb għal dan il-fond. Infatti huwa paċifiku bejn il-partijiet li fl-att in kwistjoni n-Numru 115 qiegħed sew u li n-Numru 116 mhuwiex ħlief indikazzjoni oħra erronea tal-bieb tal-persjana fuq it-triq tal-kamra laterali tan-Numru 115.

Mela allura huwa leġittimu u xieraq li ssir indaġini dwar l-iskop li għalih il-partijiet inkorporaw anki n-numri 114. Huwa ċert li l-fond Numru 116 huwa man-naħa l-oħra tat-triq u ma setax jifforma oġġett ta' dan il-bejgħ. Jekk l-attriċi stess tibda biex tammetti li n-Numru 116 ġie mdaħħal bi żball flok in-Numru 115A (kif jidher mill-fol. 65 — interpellazzjoni uffiċjali tal-Pulizija għat-tiswija tat-triq mibgħuta fl-1946 lil Michelang Vella — li kien in-numru tal-kamra tal-persjana tal-fond numru 115) l-eżistenza waħidha ta' dan l-iżball tissuġerixxi almenu l-possibilità ta' żball ieħor, u jkun inikwu li l-konvenuti jiġu, b'mod drakoniku, esklużi milli juru li sar żball anki a propositu tan-Numru 114.

Anki l-istess argument u prova ta' l-attriċi li fil-bidu tal-konfezjoni tal-kuntratt kien tniżżel in- Numru 113 u mbagħad ġie mħassar, juru li kien hemm xi inċertezza dwar in-numri eżatti bejn il-partijiet u x'aktarx isaħħaħ il-każ għall-indaġini interpretativa milli jindebolih. Fuq kollox, in omaġġ għar-regola li l-kuntratti għandhom jiġu ikkunsidrati fit-totalità tagħhom u li d-diversi klawsoli għandhom jiġu rikonċiljati ma xulxin, huwa fatt ukoll li d-dar Numru 115 ma għandhiex u ma setax ikollha tliet bibien 114, 115 u 116 (recte 115A) għax dan ma jagħmilx sens ħlief fl-ipotesi li l-fondi Nru. 113 u 115 jiġu miqjusa bħala dar waħda jew fond wieħed. Allura l-Qorti għandha d-dmir tiddeċiedi liema mill-klawsoli jew lokazzjonijiet adoperati fil-kuntratt għandha tipprevali, ċioè (a) hux li nbiegħ fond wieħed biss, u allura l-inklużjoni tan-Numru 114 tkun superfluwa u bla sens jew (b) li l-iżball kien preċiżament fil-kelma "dar" jew "dwelling house" u għandhom jipprevalu n-numri bis-sostituzzjoni tan-Numri 113 għal 114. U dana jwassal għall-ħtieġa tal-proċess mentali tal-interpretazzjoni, li fiha għandu, kif fuq intqal, jippredomina l-veru ħsieb tal-partijiet.

Fil-każ tat-tieni ipotesi li żball allegat, jekk jiġi ppruvat,

ma jwassalx għan-nullità tal-bejgħ mħabba karenza ta' kunsens, għax l-oġġett dejjem jibqa' u l-iżball ma jolqotx is-sustanza tiegħu imma biss l-indikazzjoni korretta tiegħu (art. 1019 Kodiċi Ċivili).

Premess dan kollu u wara li ikkunsidrat l-argumenti, provi u indizji bl-aħjar reqqa l-Qorti ssib ruħha konvinta mitteżi tal-konvenuti. Il-Qorti qegħda tikkunsidra li l-oneru talprova f'dan il-każ qiegħed fuq il-konvenuti għaliex minn jallega t-titolu jrid jippruvah, u allura huma l-konvenuti li jridu jippruvaw li n-Numru 114 kien indikazzjoni żbaljata tan-Numru 113. Mill-kompless tal-provi l-Qorti hija normalment sodisfatta li l-konvenuti rnexxilhom jippruvaw li fil-fatt hekk ġara.

Fost dawn il-provi dawk l-iżjed saljenti huma dawn li sejrin jissemmew:—

A) Kif irriżulta fl-aċċess il-fondi Numri 113 u 115 huma separati, u kif xehed l-Ispettur Bonnici ilhom hekk enumerati mill-1934 (fol. 165). Però, kif kompla irriżulta fl-aċċess, hemm xi sinjali ta' bieb fil-kmamar kontigwi tagħhom filpjan terran. Għalhekk, kwantu għall-użu tal-kelma "dar" jew "dwelling house" fis-singular, ma jistax jiġi eskluż li l-venditur, fil-mument tal-att, li sar f'Għawdex mingħajr diskussjonijiet preċedenti jew visiti fuq il-post, ikkunsidra l-fondi mibjugħa bħala fond wieħed. Jekk ma ikkunsidrahx hekk il-ħtija hija tiegħu għax ħadd ma jaf aħjar mill-venditur fiex tikkonsisti l-proprjetà tiegħu u l-presunzjoni umana hija li ħadd ma jagħti fondi mmobbili b'xejn. Fl-ebda ħin tal-kawża ma ġie suġġerit mill-attriċi jew mid-difensur tagħha li l-venditur ma kienx jaf x'qiegħed jagħmel fil-ħin tal-kuntratt. Huwa kellu biss xi sebgħa jew tmien postijiet fl-istess triq tal-Ħamrun. Għaldaqstant jekk mhix korretta l-ipotesi li hu kkunsidra l-fondi mibjugħa bħala wieħed, naqgħu fl-oħra li ried ibiegħ tnejn separati.

B) Fil-mument tal-kuntratt il-konvenuta, korroborata mis-sensal tal-bejgħ, Ġorġ Camilleri, (dan għalkemm jiġi minnha, huwa xehed imparzjalment) meta inqalgħet il-kwistjoni tal-indikazzjoni tan-numri, iddikjarat li hi kienet qegħda tixtri "tliet bibien u tieqa". Mill-aċċess irriżulta li l-fond numru 113 għandu il-bieb ta' barra tiegħu b'dak in-numru, imbagħad għandu tieqa bejnu u l-bieb 115, imbagħad hemm il-bieb 115, u l-persjana, li ħafna drabi tiġi kunsidrata minnies bħala bieb, li mid-dehra ġie li kellha in-Numru 115A. Fi kwalunkwe każ huwa peċifiku li bin-Numru 116 il-partijiet fuq l-att riedu jfissru l-persjana tal-fond Numru 115. Dawn jagħmlu tliet bibien u tieqa, għax il-fond Numru 111 mihiex in kwistjoni u huwa wkoll paċifiku li l-fond Numru 117 baqa' għand il-venditur u wirtitu l-attriċi. Fiċ-ċirkostanzi l-venditur, li qabel ma rtira Għawdex kien joqgħod fin-Numru 112 l-istess triq man-naħa l-oħra. (vide fol. 65) imissu altru minn fehem x'riedet takkwista il-konvenuta. L-attriċi stess kienet preżenti waqt l-att.

C) Hija iżjed verosimili l-interpretazzjoni tal-konvenuti għax, jekk l-affarijiet ma ġrawx kif qegħdin jgħidu huma, allura l-inserzjoni tan-Numru 114 x'tista' tfisser? Id-difensur tal-attriċi, mistoqsi mill-Qorti din id-domanda, ma tax risposta ħlief li l-venditur ħaseb li d-dar Numru 115 kellha tliet bibien. Imma l-venditur ma setax, bħala proprjetarju u ġa abitant tal-lokalità immedjata, ħaseb hekk ħlief fl-ipotesi li hu kien qiegħed ibiegħ iż-żewġ lokien bħala lok ta' djar wieħed. Jekk il-venditur aċċetta li jbiegħ "tliet bibien u tieqa" l-idem placitum consensum huwa ċar.

D) Il-konvenuta tinsab ukoll korroborata minn bintha Rita Sultana (fol. 165) fis-sens li qabel ma xtrat il-post ommha semitilha li riedet tixtri tant il-post okkupat mill-familja Vassallo (Nru. 113) kemm dak li f'dak iż-żmien kien okkupat minn ta' Spiteri (Nru. 115).

E) Immedjatament wara l-pubblikazzjoni tal-att, l-inkwilini tal-fond Nru. 113 (ara deposiz. Maria Vassallo fol. 72 tergo) ġew avżati tant mill-konvenuta kemm minn ħu l-mara tal-venditur (ċertu Frenċ, li kien jiġborlu l-kera u li miet xi tliet snin qabel ma l-attriċi bdiet il-kawża) li l-post kien inbiegħ. Il-kliem ta' dan Frenċ, fiċ-ċirkostanzi huma ammissibbli bħal prova.

F) Il-venditur stess baqa' ħaj għal sena u nofs fuq il-bejgħ u ma tqanqlet ebda kwistjoni la minnu u lanqas minn dawk li kienu jiġbrulu l-kera jew niesu oħrajn, fosthom l-attriċi li kien rikoverat magħha (fol. 87), u li naturalment kellhom l-interess kollu jsiru jafu x-qiegħed isir minn ħwejġu.

G) Il-konvenuti żammew ruħhom dejjem konsistenti fl-attitudini tagħhom u meta fil-1960 (ara dokument fol. 80) biegħu l-fond Numru 115 u 115A iddikjarawh mixtri minnhom flimkien mal-fond Numru 113.

H) Mhux daqshekk uriet ruħha konsistenti l-attriċi meta fl-ewwel denunzja ma ddikjaratx il-fond Numru 113 (fol. 112) u mbagħad (fol. 118) ddenunzjatu bħala mhux mibjugħ tmien snin wara. Hija tipprova tiġġustifika dan l-aġir tagħha billi tgħid li kienet bl-impressjoni li l-fond Numru 113 kien mibjugħ (fol. 126). Però din id-depożizzjoni, konfrontata mal-aħħar depożizzjoni tagħha, mogħtija fuq domandi indirizzati mill-Qorti (fol. 214/215), ma tantx tħalli impressjoni tajba, l-attriċi riedet tinsisti li dak inhar li sar l-att għand in-Nutar Refalo f'Għawdex, hija ġa kienet bl-impressjoni li l-fond Numru 113 kien imbiegħ lill-konvenuta stess f'okkażjoni preċedenti, iżda wara ammettiet li lill- konvenuta ma kienitx tafha qabel dikinhar. Ippressata fuq din iċ-ċirkostanza, ddikjarat li ħadet żball u li kien wara l-att tan-Nutar Refalo li bdiet taħseb li l-konvenuta kienet xtrat il-fond Numru 113 minn qabel ma sar dak l-att, u hawn reġgħet ikkontraddiċiet ruħha ma dak

li kienet qalet qabel (fol. 203 u 214) li oħt il-venditur, iz-zija Ġużż, kienet qaltilha li mbiegħ terran minn qabel dak l-att u b'hekk *hi ifformat* dik l-impressjoni. Inoltre, dan huwa wkoll in aperta kontradizzjoni ma dak li kienet xehdet qabel (fol. *97) **fis-sena li hi wkoll kienet taħseb li l-fond 113 kien post wieħed mal-115*** u hekk hi wkoll kellha din l-impressjoni fil-mument tal-kuntratt (verament huwa diffiċli fiċ-ċirkostanzi li wieħed jikkonkludi x'kienet il-vera impressjoni tagħha), huwa *leġittimu li wieħed jifhem* li anki l-venditur ikkonsidrahom bħala post wieħed almenu għall-finijiet ta' l-att in kwistjoni. Fi kwalunkwe każ dawn id-depożizzjonijiet x'aktarx urew tendenza *da parti ta' l-attriċi biex tixhed kif kien jaqbililha* jew kif ġieha f'rasha fil-mument.

*I)* *Barra minn* dan, *l-attriċi*, li kellha l-għajnuna tal-*Kappillan tagħha* u tal-avukat tagħha fl-estensjoni taż-żewġ denunzji li għamlet setgħet malajr tikkontrolla mill-kotba tal-kera u tal-amministrazzjoni li l-kera tal-fond Numru 113 baqa' jitħallas lill-awtur tagħha sa dikinhar tal-att, u allura ma setax imbiegħ qabel.

*J)* Mill-operazzjonijiet *li* saru u *jidhru in atti għad-diviżjoni taċ-ċens u ratizzazjoni tal-*quddies *fuq il-bini li l-*venditur kien tella' fuq l-art in kwistjoni, (vide att ta' enfitewsi fol. 75 u testment fol. 121) jidher ċar li l-attriċi kienet qegħda tikkunsidra lill-konvenuta bħal proprjetarja tal-fond Numru *113. Malli tiġi skartata, kif il-Qorti qegħda tiskarta, il-versjoni* tal-attriċi li hi kellha impressjoni li l-konvenuta kienet akkwistatu b'kuntratt preċedenti, ma jibqa' l-ebda mod raġjonevoli kif wieħed jifhem l-aġir tagħha ħlief bħala rikonoxximent tal-fatt li hi kienet taf li bl-att tal-1951 il-konvenuta akkwistat mhux biss il-fond Numru 115 imma wkoll dak in-Numru 113. *L-attriċi stess, fl-att tar-ratizzazzjoni taċ-ċens mal-konvenuta* (fol. 206), ikkunsidrat il-fond bħala wieħed mal-115, saħansitra bl-istess numru 114 bħal fl-att in kwistjoni. Sa hawnhekk

l-attriċi kienet għadha almenu konsistenti ma dak li xehdet fil-fol. 87, li tidher li hija l-ipotesi l-iżjed aċċettabbli. Mill-provenienza mogħtija f'dan l-att jirriżulta espliċitament li sad-data tiegħu (20 ta' Jannar, 1959) l-attriċi kienet għadha tir-rikonoxxi li l-konvenuti xtraw Numru 114 (recte 113) kemm in-Numru 115 b'att uniku tal-1951 fl-atti tan-Nutar Refalo. Kif tista' mela l-attriċi loġikament tipperswadi lill-Qorti, kif fl-aħħar ippruvat tagħmel (fol. 214), li hi kienet taħt l-impressjoni li n-Numru 113 kien inxtara qabel? Hemm anke ċirkostanza oħra li dwarha l-attriċi ma tantx tidher preċiża. Hi xehdet (fol. 204), li meta ġibdet l-attenzjoni tal-Kurja Veskovili ta' Għawdex biex il-konvenuta tħallas il-piż tal-quddies, hi qaltilhom biss għal quddies gravanti l-fond Nru. 115 skond it-testment a fol. 121, mentri mid-dokument a fol. 142 jirriżulta li l-Kurja ta' Għawdex kitbet lill-konvenuta għal quddies fuq il-fond Numru 113 ukoll. Minn naħa l-oħra kontra l-konvenuti ma ġewx ippruvati ebda inkonsistenzi, anzi huma dejjem im-xew fuq linja waħda u mill-ewwel ħadu wkoll ħsieb iħallsu ċ-ċens li għal ċertu żmien l-attriċi kienet ittraskurat. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll li din il-kawża saret wara l-mewt ta' dak Frenċ, ħu l-mara tal-venditur, li kien jiġborlu l-kera, u li kieku għax, seta' jkompli jitfa dawl fuq il-kwistjoni. Iżda l-Qorti, anke mingħajr dan l-element li seta' jkun importanti, mill-indizji u argumenti fuq miġjuba ma fadalha ebda dubju fejn għandha taqa' d-deċiżjoni tagħha.

Fl-aħħar nett l-attriċi ressqet l-argument li l-prezz ta' £900 kien irħis wisq għaż-żewġ fondi, speċjalment meta wie-ħed jikkunsidra li l-konvenuti biegħu il-fond Numru 115 b'£1115 (fol. 80). Il-Qorti tosserva li laħqu għaddew disa' snin sakemm il-konvenuti biegħu il-fond Nru. 115, u li f'dawn id-disa' snin Malta għaddiet minn perijodu ta' wara l-gwerra għal perijodu ta' rialz tal-prezzijiet tal-immobili, speċjalment meta jinbiegħu b'titolu għall-okkupazzjoni, kif il-konvenuta ippruvat li kien il-każ. Barra minn dan kienu saru xi benefi-

kati fil-post u l-konvenuta żammet fuqha l-piż tal-quddies. Fi kwalunkwe każ il-prezzijiet huma tant soġġetti li wieħed ma jistax fuq dan l-argument tal-attriċi iwarrab il-provi u l-argumenti fuq miġjuba li jissufragaw it-teżi tal-konvenuti u juru li għandhom titolu tajjeb għal fond Numru 113.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tirrespinġi d-domandi tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.